# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

Il-Ħamis 19 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

23.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 22 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

23.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

23.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li saret laqgħa virtwali maċ-*Chairperson* tal-Awtorita' tal-Ippjanar is-Sur Martin Saliba fejn ġew diskussi l-applikazzjonijiet tal-iżvilupp fi Triq il-Puniċi fix-Xlendi. Is-Sindku qal li kienet laqgħa pożittiva dwar punti importanti fosthom il-problemi ta' parkeġġ, tat-traffiku, tal-pressjoni fuq is-sistema tad-drenaġġ u oħrajn relatati ma' dan l-iżvilupp. Is-Sindku nforma lill-membri li kien hemm qbil li se jinżamm kuntatt bejniethom dwar dan.

23.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li saret il-konferenza stampa dwar il-bidu tax-xogħlijiet ta' restawr tat-torri tax-Xlendi, ser issir kampanja ta' għarfien dwar il-progress tax-xogħlijiet li se jkunu qed isiru. Huwa qal li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq tlett faċċati tat-torri u fil-jiem li ġejjin se jitneħħa l-materjal li hemm mormi ħdejn il-faċċata l-oħra biex jintrema' l-i*scaffolding* u jsir ir-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

restawr fuq dik il-faċċata wkoll.
Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa virtwali mal-Professur Gambin li hu ngaġġat ma' Heritage Malta biex jgħinu f'dan il-proġett, kemm fl-installazzjoni ta' CCTV *cameras* kif ukoll fl-*interpretation centre*.
Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa meta huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol u s-Sindku wieġeb li x-xogħol ta' restawr ta' barra għandu jkun lest sal-15 ta' Jannar 2021 filwaqt li l-proġett kollu għandu jkun finalizzat sal-aħħar ta' Settembru 2021.
Il-Kunsilliera Carmen Parnis saħqet li ser ikun hemm problema t' access għall-viżitaturi minħabba l-kundizzjoni tat-taraġ li jagħti għal ħdejn it-torri.
Il-Kunsillier Joseph Cauchi ssuġġerixxa sabiex issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex biex isir taraġ tal-injam u railing matul dan it-taraġ.

23.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li saritlu talba mis-sidien ta' blokka appartamenti fi Triq San Xmun, sabiex jerġa' jinfetaħ l-i*storm water culvert* li kien hemm fit-telgħa ta' Triq San Xmun wara li kien ingħalaq. Is-Sindku qal li l-ispejjeż involuti biex isir dan ix-xogħol ser jitħallsu mis-sidien. Il-membri ma sabux oġġezzjoni għal dan iżda kien hemm qbil sabiex jittieħed parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.

## 23.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

23.4.1 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil gibed l-attenzjoni dwar il-problemi ta' nuqqas ta' infurzar fix-Xlendi rigward l-iskart u l-istorbju eċċessiv minn klikek ta' nies barranin. Is-Sur Busuttil staqsa wkoll dwar tibdil riċenti li kien hemm fit-trasport pubbliku, fejn qabel sar it-tibdil ix-xarabank tal-linja bin-numru 306 kienet titlaq mix-Xlendi għall-venda fir-Rabat u l-istess xarabank kienet tibdel in-numru għal dak 301 u tinżel l-Imġarr. Riċentament il-pubbliku qed ikollu jistenna madwar tlett kwarti biex x'ħin jaslu r-Rabat mix-Xlendi jaqbad xarabank oħra li twasslek l-Imġarr. Kien hemm qbil sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

23.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi għarraf lill-Kunsill sabiex, hekk kif imwiegħed, issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex għal tmien bankijiet ġodda biex jiġu nstallati fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

23.4.3 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni għal diversi ilmenti li rċeviet dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart fil-Munxar. Hija saħqet li l-atteġġjament tal-ħaddiem huwa inaċċetabbli fejn qed saħansitra jgħolli leħnu mar-residenti kif ukoll qed ikisser il-kontenituri tal-iskart tal-ħġieġ wara li jbattalhom u jitfagħhom bl-addoċċ. Kien hemm qbil sabiex tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur.

## 23.5 Jum il-Munxar 2020;

23.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri fakkar lill-membri li din is-sena f'Jum il-Munxar ser issir quddiesa tal-okkażjoni fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu nhar it-12 ta' Diċembru fil-5.30 ta' filgħaxija. Is-serata li ssoltu ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali mhux ser issir minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija COVID-19 u minflok ser jittella' filmat qasir b'messaġġi tal-okkażżjoni u bil-preżentazzjoni ta' 'Ġieħ Il-Munxar 2020 fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

23.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva nomina waħda uffiċċjali filwaqt li kien avviċinat minn residenti oħra għal ħames nomini oħra. Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard, għarfet lill-Kunsill li hija rċeviet suġġeriment għal nomina ta' persuna oħra.

23.5.3 Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex issir analiżi tal-kontribut li taw jew li qed jagħtu dawn il-persuni nnominati biex jiġu kklassifikati f'kategoriji.

## 23.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

23.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill talab gwida lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-laqgħa annwali tal-lokalita' minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija COVID-19. Id-Dipartiment wieġeb li din għandha issir kif jitlob l-Att dwar Gvern Lokali. Is-Sindku ppropona sabiex jinħareġ avviż dwar din il-laqgħa fejn dawk interessati li jattendu għandhom jirreġistraw l-interess tagħhom billi jċemplu l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jgħarraf jirrispetta d-distanza soċjali u miżuri oħra maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil mill-membri dwar dan u kien deċiż li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

*Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard talbet lill-membri jiskużawha peress li ser ikollha titlaq mil-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 23.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-bilanċi tal-*vacation leave* tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill Lokali Il-Munxar. L-iskrivana tal-Kunsill qed titlob biex iġġedded għas-sena 2021, 67.75 siegħa *vacation leave* kif ukoll 72 siegħa *time-off*. L-assistent prinċipal tal-Kunsill qed titlob sabiex iġġedded għas-sena 2021, 108 siegħa *vacation leave* kif ukoll 144 siegħa *time-off*. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dawn l-ammonti ta' siegħat, kien hemm qbil biex dawn jiġu mġedda għal sena oħra.

23.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ġie ffirmat l-kuntratt ta' ko-finanzjament għall-proġett ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq tax-Xadba, kif ukoll ġie ffirmat il-kuntratt għall-fondi Ewropej taħt il-miżura 4.4 biex isir restawr fuq ħitan tas-sejjieħ oħra madwar il-lokalita'. Il-Kunsill innota dan.

23.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ġie ffirmat kuntratt ta' finanzjament mal-Ministeru Għal Għawdex li jammonta għal €5,000, sabiex il-Kunsill jixtri armar tal-Milied għal Munxar u x-Xlendi. Il-Kunsill innota dan.

23.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li wara talba li saret mill-Kunsill Lokali Il-Munxar, Il-Ministeru Għal Għawdex laqa' t-talba tal-Kunsill biex il-proġett ta' restawr tax-xelter tal-Pjazza jiġi estiż sat-30 t'April 2021, kif ukoll il-fondi allokati għal dan il-proġett imorru kollha biex issir is-sistema tad-dawl f'dan ix-xelter. Il-Kunsill innota dan.

23.7.5 Il-Kunsill irċieva notifika sabiex jiġi nfurmat mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li l-appell numru 480/18 għall-applikazzjoni biex tinbena demmiela fil-Munxar, ġie rtirat. Il-Kunsill innota dan.

23.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex sabiex il-Kunsill jipprovdi dikjarazzjoni mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet li turi biċ-ċar jekk it-tirq il-ġdida, li

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

kien hemm qbil fuqha li tissemma' Triq L-Għargħar, hijiex pubblika jew privata. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jimla' l-applikazzjoni biex jingħata din l-informazzjoni mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet.

23.7.7 Wara li l-Kunsill applika u ressaq talba għal varjazzjoni fuq il-permess ambjentali NP372/20 biex minflok isir rilokazzjoni tas-siġar tal-Pjazza isir xogħol ta' żbir estensiv, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Aworita' tal-Ambjent u r-Riżorsi li mhux qed jikkonsidra din it-talba bħala waħda favorevoli u qed jintalbu xi kjarifiki oħra.
Is-Sindku qal li din hi deċiżjoni diffiċli u unika għax jekk ir-rilokazzjoni ma ssirx issa, diffiċli biex issir fil-futur ġaladarba ser isir ix-xogħol ta' pavimentar. Minn barra f'hekk, is-Sindku qal li l-konsulent tekniku ukoll ta l-parir biex dawn jiġu rilokati la l-Kunsill għandu l-permess mill-Awtorita' minħabba d-daqs differenti ta' kull siġra biex jinżammu fl-istess forma.
Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil, saħaq li ġaladarba l-Kunsill għandu l-permess ta' rilokazzjoni ta' dawn is-siġar, u la darba l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi mhix favorevoli għal żbir estensiv, il-Kunsill għandu jżomm jimxi mal-permess maħruġ u jimxi mal-kundizzjonijiet imposti biex isir ir-rilokazzjoni ta' dawn is-siġar.
Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi, qal li jaqbel li s-siġar jiġu rilokati minħabba li bis-siġar proposti d-dehra tal-Pjazza ser tkun isbaħ, xorta waħda ser ikun hemm id-dell għal min ipoġġi fuq il-bankijiet minħabba li ser jiġu nstallati bankijiet bit-tinda fuqhom, jitnaqqas il-ħmieġ tal-għasafar taħt dawn is-siġar b'detriment fuq is-saħħa tal-bniedem, kif ukoll ma jibqax isir ħsara lil-għeruq u lill-pavimentar minħabba l-kobor tagħhom.
Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, kien hemm qbil mill-membri sabiex it-talba għall-varjazzjoni tiġi rtirata u l-Kunsill jipproċedi bil-permess biex jiġu rilokati s-siġar tal-ficus li hemm fil-Pjazza tal-Knisja.

23.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'talba mingħand id-Dipartiment tal-Ġeoxjenza fi ħdan l-Universita' ta' Malta sabiex ħdejn l-istrument tagħhom fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi jħaffru toqba rqiqa għal earth electrode. Kien hemm qbil mill-Kunsill għal din it-talba sakemm ma ssirx ħsara u sakemm il-Kunsill mhux se jidħol fi spejjeż.

23.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Perit tal-proġett Slow Streets Dr Antoine Zammit bi presentazzjoni tal-istudji li għamel għat-toroq tal-Munxar u x-Xlendi. Is-Sindku, s-Sur Damien Spiteri qal

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

li kellu laqgħa dwar din il-presentazzjoni mal-Perit fejn fost punti oħra l-Perit faħħar l-inizjattiva biex Triq San Pawl ma tisbokkax fil-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku qal ukoll li l-Perit saħaq li biex it-traffiku jkun immaniġġjat aħjar toroq bħal Triq L-Isqawi, Triq it-Tempju Megalitiku, Triq l-10 ta' Frar u Triq Kolaċi faċilment jistgħu jsiru wħud minnhom *one-way* hekk kif spjegat fil-presentazzjoni. L-istess japplika għal Triq iż-Żirżieb, Triq il-Ġostra, Triq ir-Ranċiż u Triq il-Qroll fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din il-korrispondenza ntbagħtet lilhom ukoll.

23.7.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Kenneth Cutajar CEO ta' District Operations Ltd sabiex il-Kunsill jissottometti r-rapport ta' prestazzjoni tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema CWSEF. Wara rakkomandazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku, kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn il-ħaddiema kollha jingħataw 'il fuq minn 90%.

23.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2020/121 – President's Fun Walk 2020. Il-Kunsill irċieva komunikat li din l-attivita' qed tiġi posposta għal data oħra fil-futur minħabba pariri mill-awtoritajiet tas-saħħa fid-dawl tal-pandemija COVID-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2020/122 – Kif għandha timtela in-Nota tal-Kunsinna – ERA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/123 – Tilqima tal-Influwenza – Avviż mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/124 – Arms Applications. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/125 – EPPS Tender Evaluation Training for Elected Members. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2020/126 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iħallas din il-polza lill-membri tal-Kunsill kif ukoll lill-ħaddiema tal-Kunsill inkluż dawk impjegati taħt l-iskema CWSEF.

23.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/127 – Webinar OHSA – Working Together for Risk Prevention. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

23.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/128 – Stqarrija AKL – L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tibki lil wieħed minn tagħha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/129 – Komunikazzjoni mill-BOV. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/130 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.39. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.7.21 Ilment 34/2020
Tilmenta sabiex tittieħed azzjoni minħabba li xi persuni qed jitfgħu l-boroż tal-iskart fil-parapett tar-residenza tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex titwaħħal tabella tindika tal-iskart ma' dan il-parapett.

23.7.22 Ilment 35/2020
Jitlob sabiex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' fi Triq il-Kantra qrib ir-residenza tiegħu. Is-Sindku qal li fi Triq il-Kantra diġa' hemm parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' u għalhekk irid jiċċekkja fejn tiġi r-residenza ta' dan ir-resident minħabba li skont il-proċedura ta' Transport Malta irid ikun hemm ċertu distanza bejn parkeġġ u ieħor riservati għall-persuni b'diżabilita'.

23.7.23 Ilment 36/2020
Jitlob sabiex jinkitbu l-kliem 'Keep Clear' ma' ġenb il-parkeġġi l-ġodda li saru fi Triq il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

23.7.24 Ilment 37/2020
Titlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħa tal-entratura tal-ġaraxxijiet tal-binja tal-appartament tagħha fi Triq Dun Spir Gauci. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

23.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 23/2020-8 għall-perjodu bejn l-24 t'Ottubru 2020 u d-19 ta' Novembru 2020 li tammonta għal €24,136.92 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi s-sekondant.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 7 ta' Diċembru 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR